**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 16 ta' Ottubru, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 955/2006 AF**

**Mark Grech Mallia**

**vs**

**Malta Shipyards Limited**

**Jesmond Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Mark Grech Mallia li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fil-5 ta' Mejju 2005 waqt li l-esponent kien qed jahdem fil-"Marsa Site Workshop" f'dik li qabel kienet maghrufa bhala l-Malta Shipbuilding Company Limited u b'inkarigu tal-istess socjetà, illum Malta Shipyards Limited, hu korra serjament meta krejn li dak il-hin kien qed jigi operat mill-intimat Jesmond Borg, laqat u qaleb travu kbir tal-hadid ghal fuq l-esponenti, liema travu qabad sieq ix-xellugija tal-esponent tahtu u korrieh serjament.

B'rizultat ta' dan l-incident l-esponent baqa' dizabilitat permanentement minhabba l-griehi serji kagunati f'siequ x-xellugija, skond ma jirrizulta ahjar mill-anness certifikat mediku rilaxxjat minn Mr. Anthony Bernard markat bhala Dokument MGM.

Dan l-incident sehh unikament minhabba tortijiet imputabbli lis-socjetà intimata stante li dan ma pprovdietx *a safe system of work*, u tortijiet imputabbli lill-intimat l-iehor Jesmond Borg minhabba negligenza u traskuragni da parti tieghu waqt li dan kien qed jopera l-krejn in kwistjoni.

L-intimati gew interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra l-esponent f'dan il-korriment izda baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-intimati huma responsabbli ghall-incident li fih safa' korrut l-esponent fil-5 ta' Mejju 2005.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-esponent b'rizultat ta' dan il-korriment u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-intimati biex flimkien u *in solidum* ihallsu lill-esponent id-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-28 ta' Novembru 2005 kontra l-intimati ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Malta Shipyards Limited maħlufa mill-Inġinier Anthony Restall li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fil-konfront tal-eccipjenti t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenuta Malta Shipyards Limited ma tahti bl-ebda mod ghall-incident in kwistjoni u lanqas ma naqset fil-konfront tal-attur.

Minghajr pregudizzju, kemm l-attur Mark Grech Mallia, kemm l-impjegati l-ohra involuti fix-xoghol meta sehh l-incident, kienu kompetenti u kellhom il-hiliet biex jesegwixxu x-xoghol inkarigati minnu, kellhom l-ghodod u l-facilitajiet necessarji, u kellhom ukoll id-dover li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha skond is-sengha u skond il-ligi. Konsegwentement huma ghandhom iwiegbu personalment ghal kwalsiasi nuqqas jew negligenza li tista' tirrizulta fl-agir taghhom.

Konsegwentement il-Malta Shipyards Limited ma hija responsabbli ghal ebda danni li seta' sofra l-attur.

Konsegwentement ukoll anke t-talba sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu d-danni reklamati solidalment bejniethom ghandha tigi michuda.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2007 il-Qorti ordnat l-isfilz tar-risposta ġuramentata tal-konvenut Jesmond Borg in kwantu li ġiet ippreżentata *fuori termine*.

Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri ta' Malta Shipyards Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

L-attur ma ghadx ghandu interess guridiku f'din il-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Ottubru 2013, il-Qorti hatret lill-kirurgu ortopediku Mr. Carmel Sciberras bħala espert mediku.

Rat ir-relazzjoni tal-espert mediku.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti ssib lill-konvenuti responsabbli għall-inċident li seħħ fil-'Marsa Site Workshop' fil-5 ta' Mejju 2005 fejn l-attur, li kien impjegat tas-soċjetà konvenuta, sofra ġrieħi f'siequ x-xellugija meta waqa' fuqu travu milqut minn *crane* li kien qiegħed jiġi operat mill-konvenut Jesmond Borg. Il-Qorti qiegħda tiġi mitluba għalhekk tikkundanna lill-konvenuti jikkumpensaw lill-attur għad-danni li jgħid illi sofra konsegwenza ta' dan l-inċident.

Is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante li hija bl-ebda mod ma taħti għall-inċident *de quo*. Teċċepixxi wkoll illi l-impjegati tagħha, inkluż l-attur, kienu kompetenti f'xogħolhom, kellhom għad-disposizzjoni tagħhom il-faċilitajiet neċessarji u dover li jieħdu l-prekawzjonijiet kollha skont il-liġi u s-sengħa, u li għalhekk għandhom iwieġbu huma għal kwalsiasi nuqqas jew negliġenza tagħhom. Konsegwentement, teċċepixxi li t-talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni għandha tiġi miċħuda. Permezz ta' risposta ġuramentata ulterjuri, is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur li jkompli b'din il-kawża.

Peress li rriżulta li l-konvenut Jesmond Borg ippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu *fuori termine*, il-Qorti ordnat l-isfilz tagħha fuq talba tal-abbli difensur tal-attur. Isegwi għalhekk illi l-konvenut Jesmond Borg huwa kontumaċi f'dawn il-proċeduri.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien impjegat mas-soċjetà konvenuta bħala *ship wright Tradesman III*. Huwa kien jaħdem fil-'Marsa Site Workshop' li dak iż-żmien kienet proprjetà ta' u operata mis-soċjetà konvenuta. Kien ilu jaħdem mas-soċjetà konvenuta madwar 25 sena qabel seħħ l-inċident filwaqt li kien ilu jaħdem fl-istess grad mis-sena 1991.

L-attur jispjega li dak inhar tal-inċident hu u sieħbu Emanuel D'Anastasi ngħataw struzzjonijiet mingħand is-superjur tagħhom sabiex imorru jfittxu bċejjeċ tal-ħadid minn fuq travu. Filwaqt li fl-affidavit tiegħu l-attur jikkontendi li kif kien qiegħed ifittex dawn il-bċejjeċ sab ruħu mal-art b'siequ maqbuda taħt

it-travu, meta xehed *viva voce* huwa qal illi l-inċident seħħ ftit wara li resqu minn ħdejn it-travu sabiex imorru jfittxu l-bċejjeċ tal-ħadid band'oħra.  Fi kwalunkwe każ, mhuwiex ikkontestat mill-partijiet illi li ġara kien li l-konvenut l-ieħor Jesmond Borg, li kien qiegħed jopera *overhead crane* fil-viċin, laqat travu tal-ħadid bil-ganċ tal-imsemmi *crane* u dan it-travu waqa' bil-konsegwenza li sieq l-attur inqabdet taħtu.

L-attur ittieħed l-isptar għall-kura fejn irriżulta li sofra ġrieħi f'siequ.  Konsegwenza ta' dan l-inċident huwa għamel tnax-il jum l-isptar.  Huwa kellu jiġi operat fejn kellhom jitqiegħdu f'siequ virga u viti apposta sabiex ifieq l-għadam. Konsegwentement, l-attur għamel sena ma jidħolx għax-xogħol.  Meta rritorna f'Mejju tas-sena 2006 huwa ngħata xogħol ta' *storekeeper*.  F'Diċembru tas-sena 2007 huwa kellu bżonn jagħmel operazzjoni oħra sabiex jitneħħew il-virga u l-viti.  Minkejja li tneħħew il-viti, il-virga laħaq trabba magħha l-laħam u allura ma setgħetx titneħħa.

Jirriżulta li wara l-inċident li seħħ dakinhar, it-travu in kwistjoni sarulu *supports* sabiex l-inċident ma jerġax jirrepeti ruħu.  L-attur jikkontendi li l-*crane* in kwistjoni ma kienx jagħmel ħoss ta' twissija huwa u jintuża u li fl-ebda stadju ma kien induna bih qabel seħħ l-inċident.  Joseph Saliba li kien impjegat bħala Safety Manager mas-soċjetà konvenuta jispjega li dan it-travu ma setax inqaleb waħdu jew bis-sempliċi xogħol ta' *sorting* li kienu qed jagħmlu l-attur u sieħbu.

Konsegwenza tal-inċident, l-attur jgħid li baqa' jsofri minn ugieħ f'siequ speċjalment fl-irkoppa.  Illum il-ġurnata huwa jaħdem bħala *driving instructor* u dan wara li fl-2009 huwa għażel li jibbenifika mill-iskema tal-irtirar qabel iż-żmien li kienet offriet lill-impjegati tagħha s-soċjetà konvenuta.

## Interess Ġuridiku

Il-kwistjoni ta' karenza ta' interess ġuridiku fl-azzjoni attriċi qamet fil-mori tal-kawża peress li rriżulta li l-attur għażel li jaċċetta l-iskema ta' rtirar qabel iż-żmien li s-soċjetà konvenuta kienet offriet lill-impjegati tagħha.  L-attur temm l-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà konvenuta b'effett mis-16 ta'

Jannar 2009. Huwa ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens u tħallas is-somma miftehma ta' €55,000. F'din id-dikjarazzjoni huwa ddikjara hekk:

> *"Jien qed nirriżenja mill-impjieg tiegħi mal-kumpanija b'effett mid-data l-aħħar imsemmija hawn fuq, taħt il-kundizzjonijiet ta' l-istess skema, fosthom illi kull somma ta' flus illi titħallas skond l-iskema tkun finali u jien ma għandi jedd għal ebda pretensjoni, dritt jew kumpens ieħor in konnessjoni ma' l-impjieg tiegħi u mat-terminazzjoni tiegħu (inkluż kwalunkwe dritt għal notice u bonus għal servizz) ħlief biss għall-paga sad-data tat-terminazzjoni ta' l-impjieg, ħlas għall-leave pendenti u l-bonus statutorju pro rata."*

Madanakollu, fil-ftehim iffirmat bejn il-Gvern u l-General Workers' Union dwar il-privatizzazzjoni tas-soċjetà konvenuta ġie miftihem illi:

> *"Il-Gvern bil-preżenti jagħti garanzija u jobbliga ruħu li jħallas kull ammont li hu, jew li jista' jsir dovut, mill-Malta Shipyards Limited ("il-kumpanija") lil xi impjegat jew impjegati tagħha skond sentenza finali ta' Qorti f'Malta u li tkun tikkundanna għall-ħlas ta' danni u/jew imgħax u/jew spejjeż li jkunu riżultat dirett tar-responsabbilta` tal-kumpanija għal danni fis-saħħa jew fuq il-persuna li jkunu ġew sofferti mill-impjegati imsemmija bħala riżultat ta' l-impjieg tal-istess impjegati mal-istess kumpanija.*
>
> *...*
>
> *L-azzjonijiet kontemplati f'dan l-artikolu jinkludu kemm azzjonijiet pendenti quddiem il-Qrati fil-ġurnata ta' l-iffirmar ta' dan il-ftehim kif ukoll azzjonijiet li jistgħu isiru fil-futur u, a skans ta' ekwivoċi, l-partijiet qegħdin jaqblu li l-istess azzjonijiet jinkludu dawk għall-ħlas ta' danni allegatament sofferti mill-ħaddiema tal-Malta Shipyards Ltd bħala riżultat ta' espożizzjoni għall-asbestos kif ukoll azzjonijiet għal danni allegatament sofferti bħala riżultat ta' korriment fuq il-post tax-xogħol."*

Tonio Fenech li kien jokkupa l-kariga ta' Ministru tal-Finanzi fiż-żmien illi ġie ffirmat dan il-ftehim xehed quddiem din il-Qorti fejn spjega li l-klawsola ċitata saret għaliex il-Gvern dejjem ried jirrispetta d-deċiżjonijiet tal-Qrati.  Tony Zarb, li dak iż-żmien kien Segretarju Ġenerali tal-General Workers Union jikkonferma li l-iskop wara din il-klawsola kienet li jekk kien hemm xi ħaddiem li kien weġġa' jew rriżultawlu xi problemi f'sahhtu wara li spiċċa mill-impjieg, il-Gvern kellu jidħol responsabbli għalihom.  Huwa jkompli billi jispjega li fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ffirmaw il-ħaddiema fis-sens illi m'għandhomx jedd għall-ebda pretensjoni, dritt jew kumpens ieħor in konnessjoni mal-impjieg tagħhom, din kienet tirreferi għall-pretensjonijiet, dritt jew kumpens fir-rigward ta' paga, *allowances*, *overtime et cetera* u mhux każijiet ta' korriment. L-istess jikkonferma x-xhud Sammy Meilaq li dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' President tat-Tqasima tal-*Metal Workers* fi ħdan il-General Workers Union.

Il-Qorti tinnota wkoll li fl-ittra datata 5 ta' Diċembru 2008 indirizzata lill-attur mingħand is-soċjeta konvenuta, huwa ġie nfurmat li:

> *"l-aċċettazzjoni tiegħek hawn isfel hija konferma wkoll illi apparti d-drittijiet tiegħek skond dan il-ftehim tallum,* ***bl-eċċezzjoni tal-Klawżola 8 tal-ftehim li sar bejn il-Gvern u l-GWU datat 5 ta' Settembru 2008****, int m'għandek ebda pretensjoni oħra kontra l-kumpanija."*

Fis-sentenza fl-ismijiet Agatha sive Agathina Formosa Gauci vs Avukat Dottor Francis Lanfranco et, deċiża fit-28 ta' Novembru 2003, il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji miġbura mill-ġurisprudenza ċitata mill-Ewwel Qorti, li fil-fehma tagħha, għandhom iservi ta' gwida sabiex fuqhom timxi Qorti biex tirriżolvi vertenza ta' din ix-xorta.  Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:

> *"(i) l-interess (ġuridiku) meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu, kif ukoll attwali;*
>
> *(ii) l-istat attwali ta' ksur ta' jedd jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tinnewtralizza dritt li*

*jkun jappartjeni lid-detentur jew lil dak li lilu jkun mistħoqq;*

*(iii) l-interess ġuridiku fl-attur huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta li jagħraf il-jedd ta' l-istess attur u dan billi kull persuna għandha d-dritt titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew tiġi msewwija inġustizzja li tkun ġiet magħmulha kontriha;*

*(iv) l-interess ġuridiku irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita` u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd. Jekk l-azzjoni ma tistax twassal għal tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi;*

*(v) l-interess ġuridiku jrid jibqa' jissussisti matul il-ħajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha. Jekk l-interess jintemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa' fil-kawża;*

*(vi) l-interess ta' l-attur għandu jkun jidher mill-att taċ-ċitazzjoni nnifisha. Għalkemm il-mottiv ta' l-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dan għandu jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kkuntrastat;*

*(vii) fil-prattika ġudizzjarja, wieħed jista' jippromuovi kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definittiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni hekk miksuba tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir aktar 'l quddiem;*

*(viii) l-interess mhux bilfors ikun wieħed li jiġi kkwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid, imma jista' jkun imsejjes biex iħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew soġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku.*

*(ix) jekk azzjoni, għalkemm tkun imsejsa fuq jedd ta' l-attur, tkun maħsuba biss biex tirreka ħsara lill-imħarrek bla*

*ebda vantaġġ utli lill-attur tali azzjoni titqies bħala waħda illegali – azzjoni magħrufa fid-duttrina bħala waħda acta ad aemulationem – u titqies li fiha jkun jonqos l-interess ġuridiku meħtieġ."*

L-interess ġuridiku, huwa risaput, irid jissussisti matul il-ħajja tal-azzjoni. Applikati l-imsemmija prinċipji għall-kawża tal-lum, din il-Qorti ssib illi l-attur għad għandu l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex ikompli b'din il-kawża minkejja l-ftehim li ntlaħaq mas-soċjetà konvenuta meta temm l-impjieg tiegħu. Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-intenzjoni tas-soċjetà konvenuta dejjem kienet illi l-klawsola numru 8 tal-ftehim tiġi rispettata tant illi minkejja li tqajmet din l-eċċezzjoni, l-ebda rappreżentant tal-konvenuta ma xehed illi l-interpretazzjoni ta' din il-klawsola jew tad-dikjarazzjoni tas-16 ta' Jannar 2009 kellha tkun mod ieħor. Lanqas ma ġie eċċepit illi s-soċjetà konvenuta m'għadhiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża.

Is-somma li rċieva l-attur ma kienitx għas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni li għandu kontra l-kumpannija inkluż għall-ħlas ta' danni konsegwenza ta' korriment fuq il-post tax-xogħol bħal ma hija l-kawża tal-lum, imma dawk il-pretensjonijiet relatati mal-paga, *allowances*, *overtime et cetera* proprju kif spjegaw ix-xhieda msemmija. Tant huwa hekk illi fil-kundizzjonijiet tal-iskema li taħtha tħallas l-attur saret riżerva għal dak maqbul skont il-klawżola numru 8 ċitata. Dan jgħodd aktar u aktar meta wieħed iqis li l-kawża tal-lum kienet diġa pendenti meta l-attur iffirma d-dikjarazzjoni tas-16 ta' Jannar 2009.

**Responsabbiltà**

Minkejja li fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur jippremetti li l-inċident in kwistjoni seħħ minħabba tortijiet imputabbli kemm lis-soċjetà konvenuta li ma pprovdietx *a safe system of work*, u kemm minħabba tortijiet imputabbli lill-konvenut Jesmond Borg li l-attur jgħid li kien negliġenti u traskurat waqt li kien qiegħed jopera l-*crane* in kwistjoni, fl-ebda stadju fil-mori tal-kawża ma tressqu provi li jixħtu responsabbiltà fuq Jesmond Borg, la mill-attur u lanqas mis-soċjetà konvenuta. Filfatt, l-ebda parti ma ressqet lill-konvenut sabiex jixhed. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-attur saħansitra jgħid illi l-konvenut tħarrek f'din il-

kawża sempliċiment sabiex il-ġudizzju jkun integru. Isegwi għalhekk illi ċertament ma jirriżultax li l-inċident *de quo* seħħ minħabba xi nuqqas ta' ħsieb, prudenza jew diliġenza tal-konvenut Jesmond Borg.

Fir-rigward tar-responsabiltà tas-soċjetà konvenuta għall-akkadut, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Natalina Ciancio vs Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali tas-27 ta' Frar 2014,

> "*Ghalkemm il-principji tal-htija kif imsawra fil-kuntest tal-Art 1031 u 1032(1) tal-Kap 16, jistghu jigu applikati in linea generali ghall-kaz tal-lum, l-azzjoni attrici tibqa' wahda partikolari msejsa fuq ir-relazzjoni ex contractu veljanti bejn impjegat u principal fejn jidhol il-harsien tas-sahha u tas-sigurtà tal-impjegat*."

Permezz tal-Avviż Legali 36 tal-2003, daħal fis-seħħ korp ta' regolamenti imsejjaħ Regolamenti dwar Disposizzjonjiet Ġenerali dwar is-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol.

Regolament numru 4 jelenka d-dmirijiet ġenerali ta' min iħaddem:

> *"(1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f 'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.*
>
> *(2) Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, monitoraġġ u reviżjoni tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura ta' l-attivitajiet u d-daqs ta' l-impriża.*
>
> *(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u tagħrif kif meħtieġ:*
>
> *Iżda għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad*

*ta' standards ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol:*

*Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjonijiet eżistenti, min iħaddem għandu jkun attent għall-bżonn ta` aġġustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu."*

Ir-regolament numru 5 jelenka dmirijiet ulterjuri ta' min iħaddem u ċioè li:

*"(a) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-sigurtà;*

*(b) jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandu jikkontrollahom mill-bidu;*

*(c) jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fejn jidħol id-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa."*

Regolament numru 15 imbagħad speċifikament jelenka l-obbligi tal-ħaddiem.  Dan jaqra hekk:

*"(1) Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni oħrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew nuqqasijiet tiegħu skond it-taħriġ u l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem.*

*(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan kollu, għandu jkun id-dmir tal-ħaddiem li:*

*(a) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħrajn ta' produzzjoni;*

*(b) jagħmel użu korrett tat-tagħmir protettiv personali mogħti lilu u, wara l-użu, jirritornah f'postu;*

*(c) ma jiskonnettjax, jibdel jew ineħħi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà użati, ma' makkinarju, apparat, għodda, impjanti u bini, u li juża dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett ;*

*(d) jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu raġunijiet jikkunsidra li tippreżenta periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;*

*(e) jikkopera ma' min iħaddem u ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta` żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ħtiġijiet imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;*

*(f) jikkopera ma' min iħaddem u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta` żmien neċessarju sabiex min iħaddem jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u li ma jpoġġu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam ta' l-attività tagħhom."*

Il-Qorti sejra tagħmel riferenza għas-sentenza tagħha diversament presjeduta fl-ismijiet Raymond Psaila vs Pisciculture Marine de Malte Limited tad-29 ta' Settembru 2011 fejn saret ġabra tad-diversi prinċipji segwiti mill-Qrati tagħna fid-deċiżjonijiet tagħhom dwar is-suġġett li titratta s-sentenza tal-lum. F'din id-deċiżjoni l-Qorti qalet hekk:

*"Illi bħala punt tat-tluq dottrinali, huwa magħruf li fil-qasam ta' responsabbilta' dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, jgħoddu regoli speċjali dwar dak li jiġri meta ħaddiem*

*jew terza persuna ġġarrab inċident bħal dak. Bit-tħaddim tar-regoli ġenerali tal-liġi dwar ir-responsabbilta' għal dak li wieħed irid iwieġeb għalih minħabba xi għamil jew nuqqas tiegħu, is-sejbien ta' ħtija għal inċident bħal dak jgħabbi lil min ikun qabbad lill-ħaddiem jew lit-terz li jkun, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh.*

*Illi b'żieda ma' dan, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu (dak li bosta jsejħulu "a safe system of work") fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad għoli ta' responsabbilta' fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiem. Huwa stabilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni. Daqstant ieħor ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mil-liġi.*

*Illi jrid jingħad ukoll li l-imsemmi grad għoli ta' responsabbilta' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq, u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod*

*f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel. B'mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri ażżardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u 'l dawk ta' madwaru.*

*Illi dan kollu juri li r-responsabbilta' tal-imgħallem m'hijiex waħda li tabilfors tintrabat miegħu awtomatikament għal kull inċident li jġarrab xi impjegat tiegħu waqt ħin ix-xogħol (dik li tissejjaħ "strict liability"). Għalkemm hija responsabbilta' li titlob prudenza, għaqal u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, ma titlobx grad ogħla ta' responsabbilta', u tista' saħansitra tixxejjen jekk kemm-il darba l-impjegat innifsu jkun traskurat jew saħansitra jmur kontra dak li jkun intalab li jagħmel jew li m'għandux jagħmel.*

*Illi biex isir stħarriġ xieraq tad-dinamika dwar kif ikun seħħ inċident, jeħtieġ li l-Qorti tqis l-"ambjent kollu tal-post tax-xogħol" jiġifieri mhux biss tal-makkinarju jew l-impjant li fuqu jew bih ikun qiegħed jitwettaq ix-xogħol magħżul, imma saħansitra l-mod kif ikun qed jitwettaq ix-xogħol u l-ambjent li fih il-ħaddiem involut ikun tqiegħed jaħdem mill-imgħallem tiegħu.*

*Illi, kif ingħad aktar qabel, il-prinċipju tal-liġi jrid li kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Iżda huwa wkoll miżmum u aċċettat li jrid jintwera li, minbarra s-sejbien tal-ħtija, jeħtieġ li jkun stabilit ukoll li kienet dik il-ħtija li ikkaġunat id-dannu attwalment imġarrab. Fuq kollox, il-liġi trid ukoll li fejn il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tkun hija stess li ikkontribwiet għad-danni b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb tkun tat sehem jew okkażjoni għal dik il-ħsara, il-Qorti hija mogħtija d-diskrezzjoni li tqis f'liema grad tkun hekk ikkontribwiet jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara li batiet. Dan iġib miegħu wkoll tnaqqis proporzjonali fil-kumpens li jkun mod ieħor dovut lill-persuna li tkun tat hija nnifisha r-raġuni għal dak li ġralha. Mill-mod kif inhi l-liġi llum fis-seħħ f'dan ir-rigward, m'hemm l-ebda regola fissa jew determinanti li tgħid kemm għandu jkun dak il-proporzjon jew frazzjoni oħra, u dan*

*għaliex id-diskrezzjoni li hija mħollija f'idejn il-Qorti għandha tinbena fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u l-provi riżultanti. Jista' għalhekk ikun li l-kontributorjeta' għall-ħsara tkun tali li tkun għal kollox determinanti bħala kawża u effett u b'hekk tneħħi kull rabta ta' ħtija minn fuq il-persuna li setgħet ikkawżat dik il-ħsara. Dan kollu ma jneħħi xejn mis-siwi tal-prinċipju tad-dritt proċedurali li onus incumbit ei qui dixit, u għalhekk l-allegazzjoni tal-kontributorjeta' tal-persuna mġarrba trid tkun ippruvata kif imiss mill-persuna li tallegaha.*

*Illi minħabba li kull inċident għandu l-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu, wieħed ma jistax jgħid minn qabel fiex tkun tikkonsisti l-kontributorjeta' min-naħa tal-persuna mġarrba. Madankollu, b'linja ta' prinċipji ġenerali, wieħed jista' jqis li jkun hemm kontributorjeta' fejn l-impjegat jonqos li joqgħod għal struzzjonijiet speċifiċi li jingħata mis-superjuri tiegħu, l-aktar fejn jidħol l-aspett ta' periklu, jew meta l-impjegat jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li l-ħila tiegħu u s-sengħa fix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel imisshom inebbħuh biex jevita, jew meta l-istess impjegat jonqos li jinqeda b'sens komun u jqiegħed lilu nnifsu fil-għajn tal-periklu jew ħsara għalih innifsu jew għal saħħtu. Bosta drabi, din l-imġiba trid tkun saret bir-rieda tal-persuna mġarrba u timxi id f'id mal-massima li volenti non fit iniuria."*

Applikati dawn il-prinċipji għal kawża tal-lum, il-Qorti ssib illi l-inċident *de quo* seħħ unikament tort tas-soċjetà konvenuta li naqset milli tipprovdi *a safe system of work* għall-ħaddiema tagħha. Mill-ftit provi prodotti dwar id-dinamika tal-inċident u ċ-ċirkostanzi li fihom kienu jaħdmu l-ħaddiema, huwa ċar fil-fehma ta' din il-Qorti li s-soċjetà konvenuta ma ħaditx ħsieb biżżejjed sabiex tassigura kontra l-periklu li kienu esposti għalih il-ħaddiema tagħha kemm mill-*overhead crane* li kien qiegħed jopera viċin biżżejjed tal-ħaddiema sabiex jikkawża inċident, kif ukoll mit-travu in kwistjoni li evidentament kien ta' periklu għaliex ma kienx imwaħħal jew marbut. Dan wassal sabiex il-*crane* laqat oġġett tqil, u ċioè t-travu tal-ħadid, li waqa' fuq sieq l-attur. Ċertament illi s-soċjetà konvenuta kienet konxja tal-fatt illi l-*overhead crane* kien jintuża minkejja

li l-ħaddiema kienu jkunu qegħdin jaħdmu viċin. Huwa veru li l-probabbiltà li dan il-*crane* kien ser jolqot travu u jċaqalqu minn postu kienet remota, imma b'daqshekk ma jfissirx illi s-soċjetà konvenuta għandha tiġi esonerata mir-responsabbiltà għal dak li ġara. Wara l-inċident is-soċjeta konvenuta ħadet ħsieb li t-travu jinżamm sikur sabiex ma jerġax jiċċaqlaq. Dan setgħet għamlitu qabel u kien jiġi evitat l-inċident.

Jirriżulta li l-attur intbagħat mis-superjuri tiegħu jaħdem ħdejn it-travu in kwistjoni. L-attur jgħid illi l-*crane* ma kienx rah u li ma kienx jagħmel ħoss ta' twissija waqt li jkun qiegħed jiġi operat. Din ix-xhieda ma ġietx kontradetta mis-soċjetà konvenuta li fil-fatt qajla ressqet prova dwar kif seħħ l-inċident. L-ebda lbies protettiv ma kien ser jipproteġi lill-attur mill-ġrieħi li sofra f'dan l-inċident. Għaldaqstant, ma jirriżultax illi kien hemm xi traskuraġni da parti tal-attur b'mod illi jista' jingħad illi kkontribwixxa għal dak li ġara. Lanqas ma jirriżulta li naqas milli jieħu l-prekawzjonijiet mistennija minnu jew li joqgħod għall-istruzzjonijiet mogħtija lilu.

**Danni**

Jirriżulta mill-provi li kawża tal-inċident l-attur sofra ħsara kemm materjali konsistenti f'spejjeż mediċi kif ukoll debilità permanenti fuq il-persuna tiegħu. Huwa jikkontendi wkoll illi peress li ma ħadimx għal sena, huwa ġie mċaħħad mill-opportunità li jagħmel *overtime*.

In materja ta' danni, l-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi hekk:

> "*(1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qliegħ ieħor attwali, u t-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċita` għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*
>
> *(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita` tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċ-*

*ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċita ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara."*

L-attur ippreżenta kopja tal-rċevuti tal-ispejjeż mediċi li nkorra kawża tal-inċident. B'kollox dawn jammontaw għall-Lm451.13, illum €1,050.85.

L-attur qiegħed jitlob ukoll li jiġi kkumpensat għall-*overtime* li kien jagħmel li kieku ma weġġax fl-inċident. Sabiex jissostanzja l-pretensjoni tiegħu, huwa ppreżenta kopja tal-FS3 ta' Emanuel D'Anastasi, li kien jaħdem fl-istess grad u xogħol tiegħu, minn fejn jirriżulta li għas-sena tal-inċident dan tal-aħħar b'kollox irċieva l-ammont ta' LM11,990.47, illum €27,930.28. Din il-prova ma ġietx kontradetta mis-soċjetà konvenuta.

Dwar it-telf ta' *overtime* f'ċirkostanzi simili, il-Qorti ta' Appell fil-każ ta' Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Ltd deċiża fl-24 ta' Settembru 2004 qalet hekk:

*"Dwar l-ewwel aggravju deher car li l-attur gie priv milli jippercepixxi l-istess ammont ta' hlasijiet ghal xoghol bis-sahra kif ukoll dawk l-"allowances" li l-haddiema fl-istess grad tieghu hadu f'dik is-sena partikolari. Kien mela telf attwali u ma kien hemm xejn azzardat u kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti li talloka l-ammont in kwistjoni lill-attur bhala parti mill-<u>quantum</u> tad-danni dovut lilu in konsegwenza diretta ta' dan l-incident."*

Din il-Qorti sejra għalhekk tillikwida wkoll bħala *dammun emergens* id-differenza fil-qligħ bejn dak li rċieva Emanuel D'Anastasi għas-sena 2005 u dak li rċieva l-attur fl-istess sena li jammonta għal €12,956.95.

B'hekk l-ammont komplessiv li tilef l-attur bħala danni konsegwenza ta' dan l-inċident qegħdin jiġu likwidati fl-ammont ta' €14,007.80 bħala *damnum emergens*.

Skont artikolu 1045, il-kwantifikazzjoni ta' danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari

tal-każ. Fis-sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' April 2005 intqal:

> "*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja*."

Id-diżabilità permanenti li sofra l-attur konsegwenza ta' dan l-inċident ġiet stabbilita mill-espert mediku fir-rata ta' sebgħa fil-mija (7%). Jirriżulta li l-attur għadu jsofri minn ugieħ f'irkopptu. L-espert mediku jispjega li ugieħ fuq quddiem tal-irkoppa huwa sintomu komuni ħafna wara li ssir virga fit-*tibia* bħal ma kellu bżonn l-attur. Ikompli billi jgħid li dan x'aktarx ser ikun permanenti u jtellfu milli joqgħod għarkopptejh. L-espert mediku jispjega wkoll illi l-attur m'għandux moviment sħiħ fl-għaksa u li għalhekk dejjem ser jibqa' jbati xi ftit meta jinżel kokka, jinżel jew jitla t-taraġ u meta jimxi fit-tul. Huwa jagħlaq billi jispjega li l-virga li kellha ssir f'sieq l-attur għadha hemm għaliex ma setgħetx titneħħa. Skont hu, din tista' tkun ta' xkiel meta jkun irid jieħu MRI jew jekk ikollu bżonn operazzjoni fuq din l-irkoppa aktar 'l quddiem.

Fis-sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà konvenuta tikkontendi li l-attur mhuwiex intitolat għall-ebda kumpens għal telf ta' qligħ futur in kwantu li d-diżabilità fiżika tiegħu mhijiex qiegħda żżommu milli jagħmel xogħlu ta' *driving instructor*.

Fil-kawża fl-ismijiet George Gatt vs Francis E. Carbone, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju 1998 intqal hekk f'ċirkostanzi simili:

*"Il-fatt li llum l-appellat qed jahdem u qed jaqla' aktar milli kien jaqla' qabel korra ma jfissirx li l-appellat ma setax isib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korriex. Id-dizabilita` necessarjament timplika nuqqas fl-appellat fil-potenzjal tieghu ghax-xoghol mhux biss ma' l-appellant stess izda wkoll ma' terzi jew anke li jahdem ghal rasu. Wiehed ghandu ragonevolment jassumi li d-dizabilita` ma taghtix vantaggi anzi taghti zvantaggi bhal ma huwa li wiehed ikollu jibqa' f'impjieg fejn korra, ghax haddiehor li mhux responsabbli ghad-dizabilita` ma jkunx ippreparat li joffrilu xoghol alternattiv b'rimunerazzjoni ahjar minn dik attwali, li kien jista' jkun offert kieku ma kellux id-dizabilita`."*

Hekk ukoll din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Michael Scicluna vs Publius Pace deċiża fit-3 ta' Lulju 2002 irriteniet:

*"Illi l-fatt li l-attur għadu jaħdem jew li jaħdem għal rasu ma jfissirx li l-Qorti m'għandhiex tqis li jistħoqqlu kumpens, għaliex kull disabilità timplika nuqqas fil-potenzjal sħiħ tiegħu għax-xogħol u wieħed għandu jassumi li l-ħsara li ġarrab qegħditu f'sitwazzjoni agħar milli kieku ma ntlaqatx dak inhar."*

Tenut kont tal-konklużjoni tal-espert mediku u l-ġurisprudenza ċitata, il-Qorti sejra tistabbilixxi d-diżabilità permanenti li sofra l-attur fir-rata ta' disgħa fil-mija (7%) u sejra tadotta dan il-perċentwali fil-kalkoli tagħha.

Fir-rigward tal-*multiplier*, f'każijiet bħal dan illi għandha quddiemha l-Qorti llum, normalment ma jsirx sempliċi tnaqqis bejn l-età tal-irtirar u l-età tal-persuna fil-mument tal-inċident iżda l-*multiplier* irid jinkorpora ġo fih l-element ta' *chances and changes of life or vicissidtudes of life*. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Josephine-Carmen Cunningham et vs John Grech et tal-14 ta' Jannar 2016 qalet hekk:

*"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate*

> *income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income." (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)."*

Hawnhekk issir riferenza wkoll għal ġurisprudenza estensiva ta' din il-Qorti diversament presjeduta fir-rigward tal-komputazzjoni magħmula f'kawżi simili wara inċidenti li jinvolvu diżabilità permanenti, bħalma hija dik fl-ismijiet Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard (C8570) deċiża fit-12 ta' Novembru 2012, fejn ingħad illi *'Il-Qorti thoss li hemm bzonn ta' certu uniformita` f'dan l-aspett li naturalment jghin biex wiehed ikun jaf min qabel kriterji regolari. Huwa veru li kull kaz trid tarah ghalih izda li jkun hemm skeda li l-konsulenti legali u ditti ta' insurance ikunu jistghu jirriferu ghaliha tkun ta' utilita` kbira.'* L-iskeda li ssir riferenza għaliha fis-sentenza ta' Saliba msemmija ġiet applikata f'numru ta' sentenzi oħra ta' din il-Qorti diversament presjeduta bħal Godfrey Schembri vs Victor Portelli deċiża fit-2 ta' Novembru 2009 u Alex Azzopardi vs Anna Ellul et, deċiża fl-20 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant, din il-Qori ser tapplika l-imsemmija skeda u fir-rigward tal-attur li f'dan il-każ kellu 38 sena fid-data tal-inċident, ser jiġi adoperat *multiplier* ta' 20 sena.

Fir-rigward tal-paga li kien jirċievi l-attur, jirriżulta li fis-sena 2004 li kienet is-sena ta' qabel l-inċident, il-qligħ *gross* li l-attur irċieva jammonta għall LM7279, llum €16,955.51. Fis-sena tal-inċident l-attur irċieva l-ammont ta' LM6428, illum €14,973.21 imma kif diġa ntqal dik is-sena huwa ġie mċaħħad milli jagħmel ukoll l-*overtime*. Madanakollu, ma tressqet l-ebda prova li fis-snin sussegwenti l-attur kien ser jibqa' jkollu opportunita` jagħmel dan l-*overtime*. Tenut kont ukoll tal-fatt illi l-kumpannija ġiet privatiżżata ftit tas-snin wara u l-attur għażel li jibbenifika mill-iskema tal-irtrar qabel iż-żmien, għal finijiet ta' komputazzjoni l-Qorti ser tadotta l-qligħ tal-attur għas-sena 2005 u ċioè €14,973.33.

Jekk wieħed jikkonsidra li normalment il-paga minima nazzjonali tiżdied b'€303.78 kull sena, għal 20 sena, u jekk wieħed jieħu l-medja ta' salarju fi żmien l-inċident (€14,973.33) u dak tal-aħħar salarju (€14,973.33 + €6075.60 = €21,048.93) ossia l-medja bejn €14,973.33 u €21,048.93,

dan iwassal għall-figura ta' €18,011.13 li għandha tiġi adoperata bħala *multiplicand* li jipprovdi wkoll għall-għoli tal-ħajja.

Finalment, in vista tal-fatt illi l-attur ser ikun qiegħed jirċievi somma kapitali f'daqqa iżda tenut kont tal-fatt illi l-likwidazzjoni qiegħda ssir 11-il sena wara li ġiet intavolata l-kawża, u dan effettivament ifisser li s-soċjeta konvenuta żammet f'idejha u gawdiet flus li jmissu lill-attur, iżda l-attur ser jieħu l-benefiċċju li jdaħħal flus bħala *lump sum,* din il-Qorti hija tal-fehma li għandu jsir tnaqqis ta' erbgħa fil-mija (4%) u ser tadotta dan it-tnaqqis bħala *lump sum reduction.*

Għalhekk, il-Qorti qiegħda tillikwida l-ammont dovut lill-attur bħala *lucrum cessans* kif ġej:

7% x 20 x €18,011.13 = €25,215.58 – 4% = €24,206.96.

Konsegwentement, meta ma' dan l-ammont jiġi miżjud l-ammont ta' €14,007.80 bħala *damnum emergens*, iwassal għall-ammont komplessiv ta' €38,214.76 li s-soċjeta konvenuta għandha tħallas lill-attur in linea ta' danni.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeciedi billi filwaqt illi tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Jesmond Borg:

1. Tiddikjara lis-soċjetà konvenuta responsabbli għal l-inċident li seħħ fil-5 ta' Mejju 2005 fejn korra l-attur u dan minħabba li ma pprovdietx *a safe system of work*;

2. Tillikwida d-danni dovuti lill-attur fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, mitejn u erbatax-il Ewro u sitta u sebgħin centeżmu (€38,214.76);

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur l-ammont ta' tmienja u tletin elf, mitejn u erbatax-il Ewro u sitta u sebgħin centeżmu (€38,214.76) in linea ta' danni, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.

Spejjeż tal-kawża jkunu a karigu tas-soċjetà konvenuta b'dan illi l-attur għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-konvenut Jesmond Borg.

IMHALLEF

DEP/REG